# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tlettax (13) ta' Lulju 2023**

**Rikors Numru 985/2010 FDP**

Fl-ismijiet

**Giovanna Antida sive Antida Gauci (K.I. 0523466M)**

**Vs**

**Graziabelle Faye Cassar (KI 0384591M)**
**Anthony Cassar (KI 0030762M)**
**Mary Lourdes Cassar (KI 0500862M)**
**Kummissarju tal-Artijiet u fl-4 ta' Mejju 2018, l-atti ġew assunti mill-Awtorita' tal-Artijiet**
**Direttur Ġenerali - Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern**
**Direttur Ġenerali - Dipartiment tad-Disinn u Implimentazzjoni**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 28 ta' Settembru 2010, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbet is-segwenti:

   *Illi fis-sena 2008 u fis-snin tal qabel, il-ġenituri tar-rikorrenti kellhom użu ta' garaxx ossia boathouse ġewwa Great Siege Road, il-Belt Valletta. Dan il-fond huwa sottopost għas-sur magħruf bħala Barbara Bastions.*

   *Illi nhar it-12 ta' Settembru 2008, ir-rikorrenti kienet qiegħda barra l-fond, bilqiegħda fuq siġġu ħdejn il-bieb ta' l-istess fond u ċioe' fuq il-bankina ta' triq pubblika flimkien mal-ġenituri tagħha Philip u Marlene konjuġi Gauci;*

*Illi għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħaxija (22.00hrs), waqt illi r-rikorrenti kienet qiegħda bilqiegħda fuq siġġu fuq il-bankina viċin l-entratura tal-bieb, ir-rikorrenti ġiet milquta u saħansitra mgħaffġa mill-intimata Graziabelle Faye Cassar (dak in-nhar minorenni u illum laħqet l-eta' maġġjorenni), illi niżlet għal fuq ir-rikorrenti minn fuq is-sur;*

*Illi ma' l-inċident issejħu l-ambulanzi illi ħadu lir-rikorrenti u lill-intimata l-Isptar Mater Dei. Filwaqt illi l-intimata Graziabelle Faye Cassar ma soffrietx feriti ta' natura gravi u ġiet meħlusa wara ftit jiem, ir-rikorrenti kienet fil-periklu tal-mewt u wara ġimgħat tissielet għal-ħajjitha, hija ħarġet mid-Dipartiment tal-kura intensiva u baqgħet tingħata kura l-Isptar;*

*Illi xhur wara, r-rikorrenti ġiet trasferita ġewwa l-Isptar Karen Grech ġia St. Luke's Hospital u għalkemm ingħatat kura ta' fisioterapia, ftit li xejn għamlet progress;*

*Illi illum il-ġurnata u ċioe' aktar minn sentejn wara l-inċident, ir-rikorrenti għandha użu limitat ħafna u kważi negliġibbli, ta' saqajha u idejha u hija totalment dipendenti fuq terzi anke għall-movimenti u bżonnijiet l-aktar bażiċi;*

*Illi illum il-ġurnata r-rikorrenti tinstab rikoverata ġewwa l-Istitut San Vincenz de Paul u dan fuq bażi permanenti stante illi l-kundizzjoni fiżika ta' l-istess rikorrenti teżiġi kura u attenzjoni professjonali;*

*Illi in piu' il-ġenituri tar-rikorrenti huma f'eta' avvanzata u wkoll għandhom problemi serji ta' saħħa — fi kwalsiasi każ, l-istat ta' saħħa xorta waħda ma jirrendix possibbli kura ta' kuljum minn persuni ordinarji mhux professjonali u mingħajr esperjenza fil-kamp mediku;*

*Illi in kwantu għall-mekkaniżmu ta' l-inċident jirriżulta (u dan kif indikat fl-Anness Dok A u kif sejjer jiġi ppruvat waqt il-kawża), illi l-intimata qabżet minn fuq is-sur;*

*Illi l-intimata Graziabelle Faye Cassar kienet ferm imprudenti u negliġenti fl-att tagħha u naqset milli tikkunsidra bl-iċken mod il-ħajja, saħħa u sigurta' ta' terzi u l-konsegwenzi ta' l-atti tagħha;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u kif ser jiġi ukoll ippruvat waqt il-kawża, Graziabelle Faye Cassar kellha diversi problemi personali qabel l-inċident u l-intimati Anthony u Mary Lourdes konjuġi Cassar kienu ben konxji ta' dawn il-problemi iżda xorta waħda ittraskuraw il-bżonnijiet ta' binthom minuri u naqsu milli jieħdu il-miżuri neċessarji u ċioe' miżuri ta' missier tajjeb tal-familja, sabiex jikkawtelaw is-saħħa u s-sigurta' ta' binthom minuri u sabiex jevitaw perikli kemm għal binthom kif ukoll għal terzi inkluż odjerni;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke f'każ illi din il-Qorti issib illi Graziabelle Faye Cassar kienet fi stat ta' ġenn fil-mument ta' l-inċident, jibqa' l-fatt illi l-ġenituri tagħha u ċioe l-intimati Anthony u Maria Lourdes*

*konjuġi Cassar, ma ħadux ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja fil-grad rikjest mil-liġi;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi wkoll sollevat illi fil-fatt, is-sur in kwistjoni kien baxx u ma ttieħdux il-miżuri neċessarji da parti ta' l-Awtoritajiet intimati sabiex jevitaw inċidenti bħal dak odjern. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-espert ex parte il-Perit Mario Cassar kif indikat fir-rapport imħejji minnu, liema rapport sejjer jiġi eżebit waqt il-kawża;*

*Illi bħala riżultat ta' l-inċident, ir-rikorrenti Giovanna Antida Gauci, illi sa dak inhar kellha ħajja normali u indipendenti, soffriet danni materjali u in piu', illum tinstab, unikament konsegwenza tal l-inċident, inflitta b'debilita' u inkapaċita' permanenti u hija għal kollox dipendenti fuq terzi anke għall-bżonnijiet l-aktar bażiċi. Hekk ukoll, u kif sejjer jiġi ppruvat waqt il-kawża, jirriżulta illi ma hemmx lok għal xi miljorament fl-istat ta' saħħa ta' Giovanna Antida Gauci u għalhekk hija kostretta tgħix il-kumplament ta' ħajjitha dipendenti għall-aħħar fuq terzi u hija ristretta għal ġewwa sodda u/jew, skond id-disponibilita' ta' terzi, fuq 'wheel chair';*

*Illi sa qabel l-inċident, Giovanna Antida Gauci kienet issofri minn diżabilita' fiżika illi madanakollu ma kenitx tirrestrinġiha milli taħdem jew tgħix ħajja indipendenti. Hija kienet ukoll tirċievi pensjoni ta' invalidita' illi kienet suffiċjenti għaliha sabiex tgħix ħajjitha indipendentement. Hekk ukoll hija ma kellha l-ebda restrizzjonijiet legali u kienet tamministra flusha waħedha — illum il-ġurnata il-ħlas kollu illi tirċeivi r-rikorrenti qiegħed jitħallas direttament a favur ta' l-istitut fejn hija tinstab rikoverata;*

*Illi ir-rikorrenti flimkien mal-familja tagħha ħarġu u qed ikomplu jinkorru wkoll ammont sostanzjali ta' spejjeż għall-kura tagħha u r-rikorrenti saret ukoll piż fuq il-familja tagħha;*

*Illi il-membri familjari tar-rikorrenti ħarġu wkoll ammont konsiderevoli ta' flus biex jixtru wheel chair u van apposta fejn ikun jista' jitla' l-wheel chair biex b'hekk ir-rikorrenti tkun tista' toħroġ minn San Vincenz de Paul u tmur għand qrabatha kultant żmien u tipprova jkollha ħajja soċjali bil-limitazzjoni kollha li ġab miegħu dan l-inċident;*

*Illi nonostante intimazzjoni, kemm permezz ta' ittra legali mibgħuta lill-intimati Cassar (kopja annessa u mmarkata Dok B) kif ukoll ittra uffiċjali mibgħuta lill-intimati Cassar u ittra uffiċjali mibgħuta lill-Awtoritajiet kompetenti (kopji ta' l-ittri uffiċjali qed jiġu annessi u mmarkati Dok. C u Dok. D rispettivament) l-intimati baqgħu inadempjenti u ċaħdu r-responsabbilta' tagħhom għall-inċident. Jiżdied jingħad illi l-Awtoritajiet kompetenti fir-risposta tagħhom allokaw ir-responsabbilta' ta' l-inċident totalment lill-intimata Graziabelle Faye Cassar (dan kif indikat fir-risposta tagħhom, kopja annessa u mmarkata Dok. E);*

*Illi kif jirriżulta mis-suespost, ir-rikorrenti sfat vittma ta' negliġenza, imprudenza u traskuraġni ta' terzi persuni u ċioe' l-intimati jew min*

*minnhom, b'riżultat illi hija illum hija inflitta minn diżabilita' sostanzjali u permanenti u hija għal kollox dipendenti fuq kura professjonali;*

*Għaldaqstant u a bażi tas-suespost, ir-rikorrenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati, jew min minnhom, huma responsabbli għall-inċident illi seħħ nhar it-12 ta' Settembru 2008 u dan minħabba negliġenza, traskuraġni u imperizja attribwibbli esklussivament lill-istess intimati jew min minnhom;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti soffriet danni inklużi korriment, debilita' u inkapaċita' permanenti u dan bħala riżultat u konsegwenza diretta tan-negliġenza ta' l-intimati jew min minnhom;*

3. *Tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni kollha sofferti mir-rikorrenti konsegwenza ta' l-istess inċident;*

4. *Tordna lir-rikorrenti jew min minnhom jinstab responsabbli għall-inċident, iħallas id-danni hekk likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-14 ta' Jannar 2010 u l-ittra uffiċjali tal-24 ta' Awiisu 2010 kontra l-intimati illi huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fil-5 ta' Novembru 2010 id-**Direttur Ġenerali tat-Taqsima tad-Disinn u Implimentazzjoni ta' Proġetti** irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

    1. *Illi preliminarjament l-intimat jirrileva n-nuqqas ta' notifika tal-Avukat Ġenerali bir-rikors promotur ai termini tal-Artikolu 181(B) (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

    2. *Illi kwantu diretti kontra l-esponent it-talbiet tal-attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-inċident imsemmi fir-rikors ma ġarax minħabba xi negliġenza, imprudenza jew traskuraġni da parti ta' l-esponent u għalhekk ma jirrispondix għad-danni.*

    3. *Illi l-esponent m'għandux jinżamm responsabbli għall-aġir ta' terza persuna li tasal biex taqbeż minn sur stante li kull persuna li volontarjament tidħol f'sitwazzjoni ta' periklu għandha tirrispondi għall-konsegwenzi li jirriżultaw mill-aġir tagħha.*

    4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

    *Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tiegħu, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

3. Rat illi fit-8 ta' Novembru 2010, il-**Kummissarju tal-Artijiet** irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

1. *Illi in via preliminari jiġi eċċepit illi l-Kummissarju tal-Artijiet mhux leġittimu kontradittur f'din il-kawża, stante li hu m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attriċi. Din hija kawża għad-danni naxxenti minn culpa u għalhekk kellha tiġi diretta, unikament, lejn il-persuna li allegatament ikkaġunat id-dannu, u ċioe l-intimata Graziabelle Faye Cassar personalment, b'dan illi l-Kummissarju tal-Artijiet għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fll-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda u dan peress illi:*

    a. *Iċ-ċint madwar is-Sur ta' Santa Barbara m'huwiex baxx tant li jrendi faċli waqgħat minn fuqu, u ċertament il-Kummissarju tal-Artijiet ma jistax jinżamm responsabbli jekk - bħal ma ġara fil-każ odjern - persuna tiddeċiedi li tmur taqbeż minn post pubbliku, u biex tirnexxi fil-ħsieb tagħha tagħmel dak kollu li tista' biex il-ħsieb tagħha jirnexxi;*

    b. *Il-Kummissarju tal-Artijiet m'għandux l-obbligu jew il-funzjoni li jara li postijiet pubbliċi jkollhom ilqugħ madwarhom sabiex jiġi assigurat li atti deliberati u kontemplati bħal dawn ma jsirux - b'dan ir-raġunament, jekk persuna tiddeċiedi li tmur taqbeż mill-irdumijiet ta' Ħad-Dingli, li huma proprjetà pubblika u li wkoll jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissarju tal-Artijiet, il-Gvern ta' Malta ser jibda jinżamm responsabbli għall-ħlas tad-danni sofferti mill-vittmi ta' dawn l-atti jew mill-familjari tagħhom?*

3. *Illi m'hemm l-ebda ness ta' kawżalità bejn l-amministrazzjoni ta' dan il-post pubbliku mill-Kummissarju tal-Artijiet u d-dannu soffert mill-attriċi - fir-rikors promotur intqal illi l-konvenuta Cassar kienet "ferm imprudenti u negliġenti fl-att tagħha u naqset milli tikkunsidra bl-iċken mod il-ħajja, saħħa u sigurtà ta' terzi" - konferma ċara din ta' kemm l-azzjoni tal-intimata Cassar kienet deliberata u intenzjonata, u l-ebda miżura li seta' jieħu l-Kummissarju tal-Artijet ma setgħet tipprevjeni jew twaqqaf azzjoni bħal din.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

4. Rat illi fl-10 ta' Novembru 2010, **Graziabelle Faye Cassar** irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

    1. *Illi preliminarjament, jigi eċċepit il-casus, u kull allegazzjoni ta' culpa allegata mill-attriċi qed tiġi respinta;*

    2. *Illi, in linea sussidjarja, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azzjoni li ħadet l-eċċipjenti seħħet f'mument ta' attakk ta' ħakma fil-mentis ta' l-eċċipjenti, li b'ebda mod ma setgħet tkun prevista, jew b'xi mod kontrollata;*

3. *Illi effettivament, kif jista' jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-inċident de quo ma huwiex attribwibbli bl-ebda mod għal xi traskuragni jew negliġenza da parti ta' l-eccepjenti;*

4. *Illi effettivament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, trid tinġieb il-prova tad-debilita' fizika ikkaġunata strettament mill-inċident de quo;*

5. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, kif ingħad ukoll ex admissis, l-attriċi kienet tipperċepixxi pensjoni ta' invalidita', b'dan li hija ma kenitx u/jew ma setgħetx taħdem, b'dan għalhekk li ma hemm ebda lucrum cessans x'jiġi likwidat favur l-attriċi;*

6. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, lanqas m'għandu jirriżulta li hemm xi damnum emergens x'jiġi likwidat favur l-attriċi, u dan stante li kwalunkwe spejjeż li kien neċessarji, kaġun ta' l-inċident de quo, ċertament ma tħallsux mill-attriċi, iżda minn familjari tagħha, li ma humiex parti mill-kawża;*

7. *Illi konsegwentement, l-eċċepjenti m'għandhiex tiġi kkundannata tħallas ebda somma in linea ta' danni lill-attriċi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

5. Rat illi fl-10 ta' Novembru 2010, **Anthony Cassar** u **Mary Lourdes Cassar** wieġbu għal dak mitlub billi qajmu is-segwenti difiżi:

1. *Illi, mingħajr preġudizzju għal kull kunsiderazzjoni rigward il-mertu, in kwantu rivolti kontra l-eċċipjenti, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi, u dan stante li huma ma huma responsabbli b'ebda mod għal dak li ġara, kuntrarjament għal dak allegat mill-attriċi, u dejjem aġixxew bir-responsabilita' mistennija minnhom skond il-Liġi.*

2. *Illi konsegwentement, l-eċċepjenti m'għandhomx jiġu kkundannati jħallsu ebda somma in linea ta' danni lill-attriċi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Provi:**

6. Rat in-nota tal-attriċi li permezz tagħha, in ottemperanza mad-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta, ippreżentat nota bi spjegazzjoni tal-provi, li sejra tressaq indikazzjoni ta' xhieda, spjegazzjoni dwar iċ-ċertifikat ta' diżabilità, prospett ta' danni (fol 50) u dokumenti li juru l-introjtu ta' Antida Gauci.

7. Rat l-affidavit ta' **Mr. Fredrick Zammit Maempel** inkarigat *ex parte* ippreżentat fl-1 ta' Diċembru 2010 (fol 62).

8. Rat l-affidavit ta' **Giovanna Antida sive Antida Gauci** ippreżentat fis-17 ta' Ottubru 2011 (fol 69).

9. Rat l-affidavit ta’ **Philip Gauci** ippreżentat fis-17 ta’ Ottubru 2011 (fol 81).

10. Rat l-affidavit ta’ **Mary sive Marlene Gauci** ippreżentat fis-17 ta’ Ottubru 2011 (fol 85).

11. Rat ir-rapport tal-**Perit Mario Cassar** inkarigat *ex parte* ippreżentat fis-17 ta’ Ottubru 2011 (fol 89).

12. Rat l-affidavit ta’ **Joseph Anastasi** ippreżentat fil-5 ta’ Diċembru 2011 (fol 101).

13. Rat l-affidavit ta’ **Miriam Micallef** ippreżentat fil-5 ta’ Diċembru 2011 (fol 102).

14. Rat l-affidavit ta’ **Maria Assunta Borg** ippreżentat fil-5 ta’ Diċembru 2011 (fol 103).

15. Rat l-affidavit ta’ **Marlene Farrugia** ippreżentat fil-5 ta’ Diċembru 2011 (fol 104).

16. Rat ix-xhieda ta’ **Dr. Anthony Galea Debono** mogħtija fl-24 ta’ Jannar 2012 (fol 107).

17. Rat ix-xhieda ta’ **Dr. Peter Muscat** mogħtija fit-28 ta’ Ġunju 2012 (fol 136).

18. Rat ix-xhieda ta’ **Dr. Joseph Zammit** mogħtija fl-24 ta’ Ottubru 2012 (fol 144).

19. Rat ix-xhieda ta’ **Joseph Cini** mogħtija fit-12 ta’ Mejju 2015 (fol 118).

20. Rat ir-rapport tal-**Periti Medici Dr. Anton Grech** u **Dr. Josanne Aquilina** ippreżentat fit-13 ta’ Novembru, 2014 (fol 131).

21. Rat ix-xhieda ta’ **Rosanne Fenech** mogħtija fit-22 ta’ Frar 2022 (fol 155) u rat id-dokumenti ippreżentati minnha stess (fol 155 u 157 *et sequitur*).

22. Rat ix-xhieda ta' **Joseph Paul Zammit** mogħtija fit-30 ta' April 2013 (for 169).

23. Rat ix-xhieda ta’ **Dr. Stephen Zammit** mogħtija fid-19 ta’ Ġunju 2013 (fol 180).

24. Rat ix-xhieda ta’ **PS 343 Glenn Carabott** mogħtija fis-16 ta’ Diċembru 2013 (fol 194) u rat id-dokument, l-inċident report eżebit minnu stess (fol 196).

25. Rat ix-xhieda ta’ **Amy England** mogħtija fil-25 ta’ Marzu 2014 (fol 226).

26. Rat ix-xhieda ta’ **PS 1184 Patrick Grech** mogħtija fil-21 ta’ Ottubru 2014 (fol 248).

27. Rat ix-xhieda ta’ l-**Ispettur James Grech** mogħtija fil-21 ta’ Ottubru 2014 (fol 250).

28. Rat ix-xhieda ta' **Anthony Cassar** mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2014 (fol 264).

29. Rat ix-xhieda ta’ **Mary Lourdes Cassar** mogħtija fit-2 ta’ Diċembru 2014 (fol 266).

30. Rat in-nota konġuntiva ta' Giovanna Antida Gauci, Graziabelle Faye Cassar, Anthony Cassar, Mary Lourdes Cassar, Direttur Ġenerali, Proprjeta tal-Gvern, Direttur Ġenerali, Dipartiment tad-Disinn u Implimentazzjoni tal-Proġetti, li permezz tagħha, u in ottemperanza mal-ftehim milħuq fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2014, quddiem din il-Qorti, qed jaqblu li jiġu nominati s-segwenti esperti mediċi, il-Professur Anthony

Zrinzo, sabiex jeżamina lir-rikorrenti Giovanna Antida Gauci, u l-psikjatra Dr. Joseph Cassar sabiex jeżamina lil Graziabelle Faye Cassar (fol 268).

31. Wara li rat in-nota konġuntiva, il-Qorti laqgħet it-talba u ħatret lill-Professur Anthony Zrinzo biex jeżamina lir-rikorrenti u biex jirrelata dwar l-inċident. Din il-Qorti diversament preseduta, ħatret ukoll lill-Psikjatra Dr. Joseph Cassar, biex jirrelata fuq il-kapaċità mentali ta' Graziabelle Faye Cassar, fiż-żmien tal-inċident u fuq il-kapaċità mentali illum senjatament biex tiġi ivvalutata l-kapaċità tagħha li tixhed mingħajr konsegwenzi irreparabbli fir-rigward (fol 269).

32. Rat li fit-18 ta' Novembru 2015, din il-Qorti diversament ippreseduta wara li ġie rilevat li l-partijiet qablu li il-Professur Anthony Zrinzo jiġi sostitwit b'Dr. Josanne Aquilina (fol 275).

33. Rat ix-xhieda ta' **Dr. Joseph Cassar** mogħtija fl-1 ta' Marzu 2016 (fol 277) u rat ir-rapport tiegħu stess ippreżentat dakinhar (fol 280).

34. Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Ottubru 2016 ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn irrilevat qabel xejn, li mhix infurmata bil-medjazzjoni riferita fir-rikors tal-11 ta' Ottubru 2016, liema medjazzjoni qed issir lil hemm mill-proċedura odjerna, u fi kwalunkwe każ, ġie sottolineat li jekk il-partijiet jidhrilhom xierqa, jistgħu jinvolvu lill-Qorti, biex tgħinhom jaslu f'kompromess għaqli u ġust għall-partijiet kollha. Illi mill-bqija, issolleċitat lill-partijiet li ma jiddilungawx iżżejjed, peress li l-kawża nbdiet fis-sena 2010 u messha ilha li ġiet disposta (fol 300).

35. Rat in-nota konġuntiva tal-partijiet ippreżentata fit-2 ta' Novembru 2016, li permezz tagħha qed jaqblu li jiġu nominati is-segwenti esperti mediċi in-newrologu Malcolm Vella jew newrologa Maria Mallia, sabiex jeżaminaw lir-rikorrenti sabiex jiġi iddeterminat il-grad tad-diżabilità tal-istess rikorrenti, b'mod partikolari d-diżabilità ikkawżata in segwitu għal inċident ta' Settembru 2008 tenendo kont tal-kundizzjoni medika tal-istess rikorrenti qabel l-inċident (fol 303).

36. Rat li b'digriet tal-25 ta' April 2017, u wara li raw rikors datat 21 ta' April 2017, il-Qorti tissostitwixxi lil Dr. Maria Mallia bin-newrologu Dr. Malcolm Vella (fol 312).

37. Rat in-nota tal-attriċi ippreżentata fit-30 ta' Mejju 2017, fejn ippreżentat l-oriġinal tar-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina mill-atti tal-inkjesta maġisterjali (fol 314).

38. Rat ir-rikors ta' Malcolm Vella ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2017 (fol 351), fejn sostna li ma jistax jispleta l-inkarigu tiegħu, għaliex diġà kellu kuntatt mar-rikorrenti.

39. Rat li fit-13 ta' Ġunju 2017, din il-Qorti diversament ippreseduta innominat bħala espert tekniku lil Dr. Josanne Aquilina, illi m' għandhiex tirrifjuta l-inkarigu lilha mogħti.

40. Rat ix-xhieda ta' **Dr. Josanne Aquilina** mogħtija fis-6 ta' Diċembru 2017 (fol 363) u rat ir-rapport tagħha ippreżentat dakinhar stess (fol 366).

41. Rat in-nota ta' Anthony Cassar u Mary Lourdes Cassar ippreżentata fis-7 ta' Diċembru 2017, fejn talbu in-nomina ta' periti addizzjonali.

42. Rat li fis-17 ta' Jannar 2018, ġie rilevat mill-avukati difensuri tal-partijiet, li jirriservaw li jippreżentaw domandi in eskussjoni.

43. Rat id-domandi in eskussjoni ta' l-avukat difensur ta’ Graziabelle Faye Cassar ippreżentati fis-27 ta’ Frar 2018 (fol 380).

44. Rat ix-xhieda ta' Dr. Josanne Aquilina mogħtija fit-2 ta’ Mejju 2018 (fol 388).

45. Rat it-tweġibiet għad-domandi in eskussjoni ta' Graziabelle Faye Cassar tat-2 ta' Mejju 2018 (fol 389).

46. Rat li wara r-rikors tal-Awtorità tal-Artijiet tal-4 ta' Mejju 2018, din il-Qorti diversament ippreseduta laqgħet it-talba u ordnat lill-Awtorità tal-Artijiet tassumi l-atti minflok il-Kummissarju tal-Artijiet.

47. Rat ix-xhieda ta' Dr. Josanne Aquilina mogħtija fit-13 ta’ Ġunju 2018 (fol 394).

48. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti fl-21 ta’ Ottubru 2019.

49. Rat l-affidavit ta’ Anthony Cassar ippreżentata fl-4 ta' Frar 2020 (fol 411).

50. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr. David Cassar** mogħtija fl-24 ta' Novembru 2020 (fol 421).

51. Rat l-affidavit ta’ **Peter Mamo** ippreżentat mill-Awtorità tal-Artijiet fis-27 ta’ Ottubru 2021 (fol 438).

52. Rat li fis-27 ta’ Ottubru 2021, l-Awtorità tal-Artijiet iddikjarat li m'għandhomx aktar provi x' jippreżentaw, u li d-Direttur tax-Xogħolijiet Pubbliċi, ma għandhomx aktar provi x’ jippreżentaw.

53. Rat l-affidavit tal-**Perit Norbert Gatt** ippreżentat mid-Direttur Ġenerali tax-Xogħolijiet fis-27 ta’ Ottubru 2021 (fol 439).

54. Rat l-affidavit ta’ **Dr. Stephen C Spiteri** ippreżentat mid-Direttur Ġenerali tax-Xogħolijiet fis-27 ta’ Ottubru 2021 (fol 443).

55. Rat li fid-19 Jannar 2022, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali.

56. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi ippreżentata fid-19 ta' Jannar 2022 (fol 447).

57. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tad-Disinn u Implimentazzjoni, illum Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi ippreżentata fil-15 Marzu 2022 (fol 478).

58. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-konvenuti Anthony Cassar u Mary Lourdes Cassar ippreżentata fit-23 ta’ Mejju 2022 (fol 482).

59. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Graziabelle Faye Cassar ippreżentata fl-24 ta’ Mejju 2022 (fol 494).

60. Semgħet it-trattazzjoni finali tas- 27 ta' Settembru 2022, ta’ Dr. Pawlu Lia u ta’ Dr. Katya Mercieca (fol 501).

**Fatti tal-każ**

61. Jirriżulta li fit-12 ta' Settembru 2008, l-attriċi Giovanna Antida sive Antida Gauci kienet qiegħda bilqiegħda fuq bankina pubblika faċċata tal-baħar, ħdejn garaxx ossija 'boathouse', utilizzata mill-ġenituri tagħha fejn kien hemm il-ġenituri tagħha ħdejha, u nies oħra jippassiġġaw, dan peress li meta seħħ l-akkadut kienet lejla sajfija.

62. Jirriżulta li dakinhar l-intimata Graziabelle Faye Cassar kellha '*date*' ma' ġuvni li jismu Luke Caruana.

63. Jirriżulta, li wara li Graziabelle kellha argument ma' Luke Caruana, waqt li kienu fejn is-sur ta' Barbara Bastions, hija inizjalment waddbet il-mobile minn fuq is-sur għal isfel, liema mowbajl niżel fejn kien hemm in-nies jippassiġġaw.

64. Jirriżulta li sussegwentement, Graziabelle Faye Cassar poġġiet fuq xifer is-sur u wara ftit tal-ħin, qabżet minn dak l-għoli kollu għal isfel.

65. Jirriżulta, li hija ġiet eżattament fuq l-attriċi li kienet bilqiegħda hemmhekk, fuq il-bankina quddiem il-garaxx tal-ġenituri tal-attriċi, u dana seħħ għall-ħabta tal-għaxra (10 p.m.) ta' filgħaxija tat-12 ta' Settembru 2008, fejn ġiet milquta u mgħaffġa mill-intimata Graziabelle Faye Cassar.

66. Konsegwenza ta' dan l-impatt li ġabet l-attriċi, hija damet rikoverata l-Isptar għal ġranet twal, u saħansitra anke wara żmien ta' fiżjoterapija, hija ma bdietx tagħmel progress u tilfet il-movimenti ta' ġisimha, b'mod li kellha ssir dipendenti anke għal bżonnijiet bażiċi ta' kuljum.

67. Jirriżulta li l-attriċi minn dakinhar tal-akkadut ma reġgħetx irkuprat il-mobilita` tagħha.

68. Jirriżulta li l-attriċi kienet ġia tbati minn 'cerebral palsy' u epilepsy, iżda wara l-inċident, wara li damet rikoverata fl-isptar Karen Grech, m'għamlitx progress ta' fejqan u sofriet użu limitat ħafna ta' saqajha u idejha konsegwenza li saret totalment dipendenti fuq terzi. Fil-fatt, jirriżulta li illum il-ġurnata, l-attriċi tinsab rikoverata ġewwa l-istitut San Vincenz de Paule.

69. Jirriżulta mill-provi fl-atti u mix-xhieda, u minn rapporti tat-tobba li qabel ġiet rikoverata fl-istitut San Vincenz de Paule, il-ġenituri tal-attriċi għamlu diversi spejjeż sabiex jieħdu ħsieb il-bżonnijiet tal-attriċi, minħabba l-imsemmi akkadut, mertu ta' din il-vertenza.

70. Jirriżulta illi l-attriċi, minkejja li kienet qed issofri minn diżabilità fiżika ta' 'cerebral palsy', din ma kinitx tirrestrinġiha milli tgħix ħajja indipendenti. Fil-fatt, hija kienet tirċievi ħlas għad-diżabilità tagħha bħala għajnuna soċjali u tużaha għall-bżonnijiet tagħha. Iżda, illum il-ġurnata il-ħlas tal-benefiċċju ta' diżabilità li l-attriċi tirċievi qed jitħallas direttament favur l-istitut fejn tinsab rikoverata f'San Vincenz de Paule.

71. Jirriżulta, li meta ġara dan l-akkadut fit-12 ta' Settembru 2008, Graziabelle Faye Cassar, kellha sbatax-il sena, jiġifieri kienet taħt l-età u hija kienet taħt kura psikjatrika tant li kien għadda biss disat ijiem li ġiet rilaxxata mill-Isptar Monte Karmeli wara żewġ tentattivi ta' suwiċidju.

72. Jirriżulta , li l-intimati ġew interpellati b'ittra legali Dok B, fol 12 u b'ittra uffiċjali tal-14 ta' Jannar 2010, Dok C fol 15, iżda l-intimati Cassar baqgħu inadempjenti. Jirriżulta

wkoll li ntbagħtet ittri uffiċjali Dok D fl-24 ta’ Awissu 2010 fol 17, lill-awtoritajiet intimati li ċaħdu r-responsabbiltà tagħhom għall-akkadut u allokaw ir-responsabbiltà tal-inċident totalment lil Graziabelle Faye Cassar fir-risposta Dok E fol 19.

73. Jirriżulta, li il-Perit Psikjatriku maħtur mill-Qorti il-Psikjatra Dr Joseph Cassar, wara li ħa konjizzjoni tal-każ iltaqa' u eżamina lill-intimata u kellem lill-ġenituri tagħha, u lill-konsulent psikjatra Dr David Cassar u Doctor Jean Pierre Giorgio, elenka b' mod dettaljat fil-kunsiderazzjonijiet peritali, dak li tbati minnu l-intimata Graziabelle Faye Cassar, u kkonkluda li fil-ħin tal-inċident hija kienet impulsiva u ma kinitx qed tara il-konsegwenzi ta’ għemilha. Ġie konkluż ukoll, mill-espert tekniku, li jekk l-intimata Graziabelle Faye Cassar, titla' tixhed ser ikollha konsegwenzi irreparabbli.

74. Jirriżulta li fir-rapport tal-Perit Mediku Dr. Josanne Aquilina, wara li hija għamlet id-djanjosi klinika kkonkludiet u evalwat ir-rata ta' diżabilità permanenti tal-attriċi bir-rata ta' total ta 88%.

75. Għad-domandi in eskussjoni l-avukat difensur ta' Graziabelle Faye Cassar, Dr. Josanne Aquilina, bħala Perit Mediku wieġbet, li wara l-inċident ta' Settembru 2008, l-attriċi għamlet ġimgħa fil-kura intensiva fl-isptar Mater Dei, imbagħad xahar fis-sala tal-isptar Mater Dei, u wara tmien xhur terapija fl-isptar Karen Grech. Imbagħad, sussegwentement, ġiet trasferita fir-residenza ta' San Vincenz de Paule u għadha hemmhekk sal-lum. Wieġbet ukoll li qabel l-allegat inċident l-attriċi kellha paraliżi mit-twelid ta' driegħ ix-xellugija imma kienet indipendenti timxi weħidha, u ma kenitx dipendenti fuq siġġu tar-roti. Wieġbet ukoll li dak li kienet tbati minnu rigward il-paraliżi tad-driegħ ix-xellugija u epilessija ma nbidlux il-perċentwali ta' paraliżi tad-driegħ ix-xellugija jitqies bħala 45%. Il-perit ġudizzjarju wieġbet ukoll li fis-sena 2015, l-attriċi kellha operazzjoni minn speċjalista ortopediku li ġie minn barra minn Malta. Iżda s-sitwazzjoni tal-attriċi baqgħet l-istess u hija ma rnexxilhiex tikseb lura l-mobilità. Il-perit tekniku wieġbet li bil-kundizzjoni ta' ‘cerebral palsy’ u tal-obeżità, jista' jkun li r-rijabilitazzjoni tagħha mid-drammi sofferti wara l-inċident kien limitat, u b'hekk ma rnexxilhiex tikseb lura il-mobilità li kellha qabel. Wieġbet ukoll, li l-attriċi jirnexxilha bl-użu ta' żewġt iswaba tħaddem il-wheelchair. Mistoqsija dwar il-perċentwali ta' diżabilita qabel l-inċident, wieġbet li il-perċentwali ta' diżabilita ta' driegħ ix-xellugija huwa 45%. Iżda dan ma ġiex magħdud fil-kalkolu tad-diżabilità totali fir-rapport għaliex jekk dan id-diżabilità tiġi ikkunsidrata wkoll id-diżabilità totali titla’ iktar u tilħaq 94%.

## Ikkunsidrat

76. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti, illi l-attriċi qiegħda, permezz tal-azzjoni preżenti, titlob danni materjali u personali tat-tip *damnum emergens* u *lucrum cessans*, wara danni sofferti fl-akkadut li seħħ fit-12 ta’ Settembru 2008. Fil-fatt, qed jiġi sostnut, li konsegwenza ta’ l-akkadut li seħħ f’din id-data, hija qed issofri danni attwali u futuri, kif ukoll minn diżabilita` permanenti fuq il-persuna tagħha.

77. Jirriżulta, li l-intimat Direttur Ġenerali tat-Taqsima tad-Disinn u Implimentazzjoni tal-Proġetti, sostna li talbiet tal-attriċi in kwantu diretti fil-konfront tiegħu huma infondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-inċident ma ġarax minħabba xi negliġenza imprudenza jew traskuraġni da parti tad-dipartiment, iżda minħabba aġir ta' terza persuna li qabżet minn fuq is-sur, b'hekk ġie sostnut li d-Dipartiment m'għandux jinżamm responsabbli għall-aġir ta' persuna li volontarjament tidħol f'sitwazzjoni ta' periklu.

78. Jirriżulta, li l-intimat Kummissarju tal-Artijiet, eċċepixxa preliminarjament, li mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dan il-każ. Fil-mertu, ġie sostnut li m'hemm l-ebda ness ta' kawżalità bejn l-amministrazzjoni ta' dan il-post pubbliku, u ċioe` ċ-ċint madwar is-sur ta' Santa Barbara, u l-akkadut, dan għaliex il-Kummissarju tal-Artijiet, ma jistax jinżamm responsabbli għal persuna li tiddeċiedi li tmur taqbeż minn post pubbliku.

79. Jirriżulta li intimata Graziabelle Faye Cassar, irrespinġiet il-pretensjonijiet tal-attriċi, billi eċċepiet il-*casus*, u kull allegazzjoni ta' culpa allegata mill-attriċi qed tiġi respinta. Ġie sostnut ukoll li l-azzjoni li ħadet l-intimata Cassar, seħħet f'mument ta' attakk ta' ħakma fuq il-mentis, li ma setgħetx tkun previżta jew kontrollata, u li l-inċident in kwistjoni mhuwiex attribwibbli bl-ebda mod għal xi traskuraġni jew negliġenza da parti tagħha. Ġie eċċepit ukoll, li trid tinġab il-prova tad-diżabilità fiżika tal-attriċi. Inoltre`, ġie sostnut li l-attriċi kienet tipperċepixxi pensjoni ta' invalidita u ma setgħetx taħdem, għalhekk m' għandha ebda *lucrum cessans* x'jigi likwidat favur tagħha. Di piu`, ġie eċċepit, li kwalunkwe spejjeż li saru kaġun tal-inċident li seħħ f'Settembru 2008, saru lill-ġenituri tal-attriċi u mhux minnha, b'hekk ġie sostnut li dawn l-ispejjeż mhumiex dovuti bħala *damnum emergens*.

80. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati Anthony Cassar u Mary Lourdes Cassar irrespinġew il-pretensjonijiet tar-rikorrenti billi eċċepew li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju tal-Artijiet**

81. Ġie eċċepit preliminarjament, fir-risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet, illum Awtorita' tal-Artijiet, li mhuwiex il-leġttimu kontradittur stante li m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attriċi. Ġie eċċepit, li din hija kawża għad-danni naxxenti minn culpa u għalhekk kellha tiġi diretta, unikament lejn il-persuna li allegatament ikkaġunat id-dannu, u ċioe` Graziabelle Faye Cassar.

82. Referibbilment, għar-relazzjoni ġuridika, għandu jiġi ritenut li l-imsemmi akkudat mertu ta' dan il-każ, seħħ minn fejn is-sur ta' Barbara Bastions il-Belt. Għalhekk, dak li seħħ dakinhar tat-12 ta' Settembru 2008, seħħ fuq proprjeta` tal-Gvern.

83. Ladarba l-akkudat seħħ fuq proprjeta` tal-Gvern, u l-Kummissarju tal-Artijiet jaġixxi in rappreżentanza tal-Gvern, il-Kummissarju tal-Artijiet, jista' jitqies li huwa l-legittimu kontradittur. Għalhekk, din il-Qorti mhjiex tal-fehma li jiġi konkluż li l-Kummissarju tal-Artijiet, illum l-Awtorita` tal-Artijiet, mhijiex il-leġittimu kontradittur fil-każ odjern.

84. Konsegwentement, tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju tal-Artijiet f'dan ir-rigward.

**Dak eċċepit fil-mertu mill-Kummissarju tal-Artijiet u tad-Direttur Ġenerali tat-Taqsima tad-Disinn u Implimentazzjoni ta' Proġetti.**

85. Din il-Qorti tkompli tqis l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-Kummissarju tal-Artijiet, u tqis, li għalkemm seta' jitqies il-leġittimu kontradittur għar-raġuni hawn fuq spjegata, madankollu, m'hemmx każ fil-konfront tal-Kummissarju tal-Artijiet, għaliex ma setax jipprevjeni kwalunkwe att li seħħ minn terz b'periklu għal terzi persuni li kienu fiż-żona.

86. Ġie anke spjegat, minn uffiċjal ta' l-Awtorita tal-Artijiet, fl-affidavit tiegħu fol 438, li l-fortifikazzjonijiet, bħal ma huma s-swar li jdawru l-Belt, inkluż fejn ġara l-inċident għalkemm huma propjetà tal-Gvern, huwa meqjus bħala patrimonju kulturali għalhekk dawn huma protetti b'liġijiet speċifiċi, li ma humiex fil-kompetenza tal-Awtorità tal-Artijiet iżda ta' entitajiet oħra separati. Ġie sostnut ukoll, li meta wieħed imur fuq is-sit in kwistjoni, jara li fil-verità, l-għoli tas-sur huwa wieħed normali, u s-sur huwa wieħed wiesgħa tant li żgur biex persuna taqbeż minn hemm trid tkun telgħet deliberatament u ma jistax ikun li wieħed jitfixkel u jaqa'.

87. Din il-Qorti hija tal-fehma, li l-akkudat li seħħ kienet kwistjoni privata, li ċertament ma setax jidħol fiha il-Kummissarju tal-Artijiet.

88. Din il-Qorti tosserva li mhuwiex obbligu tal-Kummissarju tal-Artijiet li jipprevjeni f'kull każ jew kull att irresponsabbli jew li jista' jikkaġuna periklu li jseħħ minn individwu jew minn terz, għalkemm dan ikun qed iseħħ f'post pubbliku bħas-sur in kwistjoni fejn seħħ l-akkadut.

89. Għaldaqstant, il-Kummissarju tal-Artijiet iddaħħal f'dan il-każ inutilment, għaliex kif sewwa eċċepit mill-istess Kummissarju tal-Artijiet, din il-kawża, tirrigwarda *culpa,* liema *culpa* indubbjament, ma tistax tiġi attribwita lill-Kummissarju tal-Artijiet. Iżda, tenut kont tal-fatti u ċirkostanzi tal-każ, il-culpa trid tiġi attribwita lill-persuna li ikkommettiet l-att dakinhar tal-akkudat, ossija l-intimata Graziabelle Faye Cassar.

90. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tikkunsidra li, indubbjament, m'hemm l-ebda responsabbilta` da parti tal-Kummissarju tal-Artijiet.

91. Bl-istess mod, ġie sostnut fl-eċċezzjonijiet tad-Direttur Ġenerali, Dipartiment Proprjeta` tal-Gvern, li m'għandux jinsab responsabbli għal aġir ta' terza persuna li tasal biex taqbeż minn sur, għaliex kull persuna li volontarjament tidħol f'sitwazzjoni ta' periklu, għandha tirrispondi għall-konsegwenzi li jirriżultaw mill-aġir tagħha. Di piu`, l-istess Dipartiment issottometta, li wieħed irid jagħmel sforz sabiex jitla' fuq is-sur li huwa ta' ċertu wisgħa, u li din hija kwistjoni totalment privata li d-Dipartiment m'għandux iwieġeb għaliha.

92. Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-argument, u tqis, li d-Dipartiment ma jistax jintalab jagħmel ilqugħ jew reċint mad-dawra kollha ta' Malta, fejn jinsabu is-swar. Jiġi innutat ukoll, li lqugħ u reċinti, għandhom isiru sabiex jiprevjenu inċidenti, u mhux azzjoni deliberata kif kien fil-vertenza in diżamina.

93. Għaldaqstant, din il-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha fil-mertu kemm tal-Kummissarju tal-Artijiet, kif ukoll tad-Direttur Ġenerali - Dipartiment Proprjeta` tal-Gvern, u Direttur Ġenerali - Dipartiment tad-Disinn u Implimentazzjoni dwar ir-responsabbilta`.

94. Konsegwentement, m’għandhom l-ebda responsabblita’ għal każ in eżami u ma għandhom ebda obbligu għall-ħlas ta’ kwalunkwe kumpens jew danni.

**Konsiderazzjonijiet – Responsabbilta`**

95. L-attriċi permezz tal-proċedura odjerna, tisħaq illi l-intimata Graziabelle Faye Cassar hija reponsabbli għall-inċident, ġie sostnut ukoll, li l-ġenituri ta’ Graziabelle Faye Cassar huma wkoll responsabbli għall-akkadut, peress li meta seħħ l-akkadut fit-12 ta’ Settembru 2008, Graziabelle kien għad għandha sbatax-il sena, b’hekk kienet taħt l-eta`. Jirriżulta li konsegwenza tal-akkadut, l-attriċi tilfet il-moviment ta’ idha il-leminija u ta’ riġlejha b’mod li saret dipendenti u għandha bżonn kura u assistenza kontinwa, tant li ttieħdet b’mod permanenti f’San Vinvenz de Paule, fejn għadha sal-lum il-ġurnata.

96. Mill-banda l-oħra, l-intimata, Graziabelle Faye Cassar, sostniet fir-risposta tagħha, li l-azzjoni li ħadet seħħet f'mument ta' attakk ta' ħakma fil-mentis li bl-ebda mod ma setgħet tkun prevista jew kontrollata, u li dak li seħħ, ma kienx attribwibbli bl-ebda mod għal xi traskuraġni jew negliġenza da parti tagħha. Għalhekk l-intimata, qed issostni li dan kien *casus*, ukoll allegazzjoni ta' *culpa* qed tiġi respinta.

97. Jingħad fl-ewwel lok, li l-Qorti tqis li hawnhekk mhux qegħdin fil-kamp kriminali, iżda fil-kamp ċivili, u l-Qorti m’għandhiex tidħol f’intenzjonijiet u fil-ħakma tal-*mentis* ta’ l-intimata, dak il-ħin tal-akkadut, kif eċċepit. Madankollu, din il-Qorti xorta ikkunsidrat b’mod akkurat dak li kkonkluda l-espert ġudizzjarju il-Psikjatra Dr. Joseph Cassar, li fir-rapport tiegħu ikkonkluda is-segwenti:

> *“(i)Is-sinjorina Graziabelle Faye Cassar magħrufa minn karta tal-identità 0384591M tbati minn kundizzjoni serja ta' saħħa mentali magħrufa bħala Borderline Personality Disorder (skont id-Diagnostic and Statistical Manual tal-American Psychiatric Association DSM-5). Id-definizzjoni ta' din il-kundizzjoni hija: a pervasive pattern of instability of interpersonal relationships, self-image and affects, and marked impulsivity, beginning in early adulthood and present in a variety of contexts, as indicated by five (or more) of the following:*
>
> - *Frantic efforts to avoid real or imagined abondonment.*
> - *A pattern of unstable and intense interpersonal relationships characterised by alternation between extremes of idealisation and devaluation.*
> - *Identity disturbance markedly and persistently unstable self-image or sense of self.*
> - *Impulsivity in at least two areas that are potentially self-damaging (eg. substance abuse, binge eating, and reckless driving).*
> - *Recurrent suicidal behaviour, gestures or threats, or self-mutilating behaviour.*
> - *Affective instability due to a marked reactivity of mood (eg. Intense episodic dysphoria, irritability or anxiety usually lasting a few hours and only rarely more than a few days).*
> - *Chronic feelings of emptiness.*
> - *Inappropriate intense anger or difficulty controlling anger (eg/ frequent displays of temper, contant anger, recurrent physical fights).*

- *Transient, stress related paranoid ideation or severe dissociative symptoms.*

*(ii)F'dan il-kwadru wieħed jifhem, li fil-ħin tal-inċident minħabba dak kollu imniżżel f'(i) hawn fuq, fil-kuntest ta' djanjożi tagħha is-sinjorina Graziabelle Faye Cassa,r kienet impulsiva u ma kinitx qed tagħraf il-konsegwenzi ta' għemilha.*

*(iii)Fuq il-kapaċita' mentali, illum senjatament biex tiġi vvalutata l-kapaċità tagħha li tiddeponi mingħajr konsegwenzi irreparabbli fir-rigward.*

- *Il-kundizzjoni ta' Borderline Personality Disorder u l-impulsività, l-ansjeta l-effetti affettivi ta' dipressjoni bi ħsibijiet suwiċidali ivarjaw skont l-istess perċepit mill-pazjent f'dan il-każ is-sinjorina Graziabelle Faye Cassar.*
- *Huwa ovvju kemm mill-osservazzjoni klinika, min fatt ta' rigressjoni psikjatrika wara l-eżami li għamiltilha, liema effett wassal ukoll għal telf ta' xogħol, huwa ċar jekk is-sinjorina Graziabelle Faye Cassar titla' tixhed, ser ikollha konsegwenzi irreparabbli u dan aktar u aktar, fejn kuntest li is-sinjorina Graziabelle Faye Cassar għandha amneżija tal-episodju, sintomi ben spjegabbli fih kundizzjoni ta' saħħa mentali severa li tbati minnha s-sinjorina Cassar."*

98. Fid-dawl tas-suespost, huwa evidenti li l-intimata Graziabelle Faye Cassar kienet tbati minn kundizzjoni ta' saħħa mentali severa. L-espert ġudizzjarju Dr. Joseph Cassar kellem ukoll lill-konsulenti psikjatri Dr. David Cassar u Dr. Jean Pierre Giorgio li kienu rawha. Ix-xhieda tal-psikjatra David Cassar tal-24 ta' Novembru 2020, tiżvela b'mod ċar, li l-intimata kien ilha taħt il-kura tiegħu minn April 2008, wara li kienet ħadet overdose ta' mediċina. Wara attentat ieħor fuq ħajjitha f'Ġunju 2008, Dr. David Cassar ikkonferma li kien hu li daħħalha fl-isptar Monte Carmeli għall-kura, fejn ġiet rilaxxata 'discharged' mill-isptar fil-5 ta' Settembru 2008 wara viżti magħha fejn kienet akkompanjata ukoll mill-ġenituri tagħha.

99. Madankollu, l-każ in eżami huwa każ ta' *culpa aquiliana*, u li jrid jiġi mistħarreġ huwa jekk hemmx in-ness meħtieġ bejn l-att tal-intimata Graziabelle Faye Cassar u d-dannu soffert mill-attriċi dakinhar tal-akkadut. Jiġi wkoll ippuntwalizzat, li mix-xhieda u mill-provi, irriżulta li qabel l-akkadut l-intimata Graziabelle, diġa kienet waddbet il-mowbajl tagħha minn fuq is-sur għal isfel, fejn in-nies bdew jgħajtu. Għalhekk, hija kienet konxja li hemm isfel kien hemm in-nies, anke għaliex kienet lejla sajfija. F'dan il-kuntest, hija relevanti ix-xhieda tax-xhud okulari Amy England, li fix-xhieda tagħha tal-25 ta' Marzu 2014, qalet hekk:

> *"Fit-12 ta' Settembru 2008, għall-ħabta ta' filgħaxija, bejn wieħed u ieħor 10 ta' filgħaxija kien diġà dalam, kont il-Belt bejn ir-roundabout ta' ħdejn il-knisja ta' Liesse. Jiena kont in-naħa tal-baħar. Ħarist 'il fuq lejn is-sur u nara lil din it-tfajla bilqiegħda saqajha 'l barra fuq is-sur. U bdejt naraha titbandal. Rajtha qisha ser tagħti is-salt biex taqbeż. Kollox ġara fi ftit sekondi u qabel ma kelli ċans nagħmel reazzjoni, rajt lil din it-tfajla timbotta ruħha minn fuq is-sur u qabżet għal isfel. Meta ngħid lil din it-tfajla niżlet, rajtha taħbat xi tliet darbiet mas-sur. Kollox fi ftit sekondi u*

*rajtha waqgħet fuq persuna li kienet bilqiegħda mal-famija tagħha, li kienu ħdejn il-boathouses. L-ewwel reazzjoni tiegħi kienet illi qbadt ngħajjat u qbadt il-mowbajl u ċempilt lill-ambulanza u lill-Pulizija.*

*Jiena għalkemm ersaqt viċin fejn waqgħet din it-tfajla, bżajt fl-istess ħin nersaq aktar għaliex il-persuna li kienet bilqiegħda kienet imweġġa' ħafna. Il-persuna li qabżet kienet mal-art u kien hemm id-dmija. Jiena bdejt nitkexkex u ma rsaqtx viċin aktar. Il-persuna li kienet bilqiegħda nagħrafha u qed nagħraf li dik il-persuna li qed tiġi indikata lili bħala Giovanna Antida sive Antida Gauci bħala l-persuna li kienet bilqiegħda quddiem il-boathouse. Il-persuna l-oħra li waqgħet ma nafhiex."*

100. Jirriżulta mir-rapport tal-Perit Mario Cassar, li kien ġie inkarigat *ex parte*, sabiex jaċċedi fuq l-post tal-akkadut, fejn huwa elenka li minn fejn qabżet l-intimata Graziabelle Faye Cassar, kien hemm għoli ta' wieħed u għoxrin (21) metru, fejn fir-rapport tiegħu, wera il-lok tal-akkadut b'ritratti u bil-qisien relattivi. Fir-rapport tal-Perit Richard Aquilina, hemm indikat preċiżament, fol 322 tal-proċess li l-għoli tas-sur huwa tmienja u għoxrin (28) metru.

101. Huwa fatt mhux ikkontestat li l-intimata mhux sempliċement waqgħet minn fuq is-sur, anke għaliex hija riedet titla' liberament fuq wiċċ is-sur, li huwa wiesgħa metru, Iżda, għażlet li taqbeż minn fuq is-sur wara li telgħet fuq iċ-ċint tal-istess sur, kif ikkonfermat mix-xhud okulari Amy England. Għaldaqstant, bl-ebda mod ma jista' jkun kontradett illi l-ħtija u r-responsabbilta` prinċipali tal-akkadut hija ta' l-intimata Graziabelle Faye Cassar.

**Responsabbilta` tal-ġenituri ta' Graziabelle Faye Cassar – l-intimati Anthony Cassar u Mary Lourdes Cassar**

102. Meta seħħ l-akkadut mertu ta' dan il-każ, l-intimata Graziabelle Faye Cassar kienet għadha ma għalqitx it-tmintax il sena, l-eta` tagħha kienet ta' sbatax-il sena.

103. Għal dak li hi responsabbilta`, **l-Artikolu 1034 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi:

*"Kull min jieħu ħsieb ta' wieħed minuri jew ta' maġġuri, hu obbligat għall-ħsara li jagħmel il-minuri jew il-miġnun meta huwa ma jkunx ħa ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jiġrix."*

104. Hemm ġurisprudenza li tgħid li l-artikolu 1034 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi preżunzjoni ta' ħtija, u sta lil min hu milqut minnha li jipprova li huwa ma setax jimpedixxi il-fatt dannuż tal-minuri. F'dan is-sens tista' pereżempju ssir referenza għal kawża fl-ismijiet **Salvatore Debono vs Antonio Camilleri** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 1953 (Vol XXXVII.ii.730) fejn intqal illi:

*"Illi l-konvenut bħala missier tal-minuri li kkommettew il-pretiż serq, bis-saħħa tad-dispożizzjoni fuq ċitata isir responsabbli personalment.*

105. Kif jinnota **Giorgi,** '*la responsabilita` del fatto altrui non e che una responsabbilta` del fatto mproprio fondato sulla culpa presunta.......*" Veru li, skond il-prinċipji ordinarji, il-ħtija għandha tiġi ppruvata u m'għandhiex tiġi preżunta, iżda f'din il-

materja il-leġislatur id-deroga għax dak il-prinċipji u stabbilixxa preżunzjoni ta' ħtija min ikollu jieħu ħsieb l-inkapaċi, sakemm ma jippruvax li hu adopera il-viġilanza ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt dannuż ma jiġrix.

106. Id-dottrina u l-ġurisprudenza Taljana u Franċiża li jikkummentaw dispożizzjonijiet analogi għall-artikolu 1077 fuq ċitat, fejn huma unanimi dwar din l-interpretazzjoni (**Ricci,** Diritto civile, VI, 91 u **Laurent** Diritto Civile, XX564).

107. Konferma hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna bħalma huma l-kawżi deċiżi mill-istess Qorti fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Cutajar** deċiża fid-19 ta' Jannar 1956 (Vol XL.ii.695), **Paolo Abela vs Antonio Bonnici et** nomine deċiża fit-23 ta' Jannar 1958 (Vol. XLII.ii.868), u **Nicola Magro vs Geraldo Zammit pr. et nomine** deċiża fid-29 ta' April 1960 (Vol. LX.ii.604).

108. F'dan is-sens ukoll kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Carmelo Calleja vs John Gauci** deċiża fil-21 ta' Jannar 1948 (Vol. XXXIII.iii.183) inkwantu ġie dikjarat li:

> *"fl-assenza ta' provi mill-parti tal-konvenut li huwa adopera ruħu li jivviġila it-tfal tiegħu, li kienu taħt idejh, bħala bonus pater familias sabiex jipprevjeni u jilqa' l-fatt in kwistjoni, l-istess għandu jkun skond il-preżunzjoni legali, ritenut responsabbli."*

(Ara wkoll f'dan is-sens, il-każ **Carmel sive Charles Micallef St. John et vs Richard Spiteri et** deċiża fil-15 ta' Jannar 2002; u **Fleur Debono vs Shanylee Reed et** (111/2016) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fid-19 ta' Ottubru 2018).

109. Ladarba jirriżulta mix-xhieda tal-psikjatra Dr. David Cassar, tal-24 ta' Novembru 2020, li meta l-intimata Graziabelle Faye Cassar kienet rikoverata fl-isptar Monte Carmeli, il-ġenituri tal-intimata kienu a konoxxenza tal-problemi tat-tifla tagħhom, peress li kienu ġew jakkumpanjawha fil-visti meta kienet qed tiġi segwita, joħroġ ċar li l-ġenituri kienu jafu bil-kundizzjoni mentali severa ta' binthom.

110. Għalhekk, in vista tal-fatt li binthom kienet għadha taħt l-età, kellhom l-obbligu li jsegwu lil binthom adegwatament u b'responsabbiltà ta' bonus paterfamilias.

111. Il-Qorti tifhem illi għall-konjuġi Cassar, il-kundizzjoni medika tat-tifla tagħhom, Graziabelle, hija waħda li ċertament ġġib niket u dwejjaq fil-ħajja tagħhom, u ċertament jixtiequ li jaraw li t-tifla tagħhom toħroġ mill-problemi illi għandha u tkun tista' tgħix ħajja normali, kif kull ġenitur ikun irid jara lit-tfal tagħhom jagħmlu.

112. Madanakollu, f'dawn iċ-ċirkostanzi, konsiderando illi l-konjuġi Cassar kienu ben a konoxxenza tal-problemi psikiċi tat-tifla tagħhom, il-Qorti tqis li huma, bħala l-ġenituri tal-intimata Graziabelle Faye Cassar għandhom iġorru parti mir-responsabbiltà għall-akkadut, u dan minħabba li jidher ċar li l-fatt li ħallewha toħroġ mingħajr ebda superviżjoni u kontroll hija indikazzjoni li huma naqsu mill-obbligi tagħhom ta' ħarsien ta' minuri fdata fil-kustodja tagħhom bil-livell ta' diliġenza stabbilita mil-liġi.

113. Fid-dawl tas-suespsot, tqis ir-responsabbilta` tal-ġenituri bħala erbgħin fil-mija (40%) filwaqt li r-rimanenti responsabbilta` ta' sittin fil-mija (60%) hija ta' l-intimata Graziabelle Faye Cassar.

**Ħsara kkawżata**

114. Fil-każ in eżami, huwa imperattiv, li wieħed joqgħod fuq ix-xhieda ta' Dr. Josanne Aquilina, li spjegat sewwa ħafna il-kwistjoni tad-diżabilita`.

> *"Jiena nikkonferma l-eżattezza tal-konklużjonijiet tiegħi fl-istess rapport u ninforma lill-Qorti illi it-telf tal-użu tal-id il-leminija hija ta' forty two per cent għad-driegħ biss.*
>
> *Riżultat tal-fatt illi l-istess Antida Gauċi spiċċat dipendenti fil-wheelchair kawża ta' dan l-inċident u kif spjegajt fir-rapport tiegħi, qabel huwa tal-fatt illi Gauci hija dipendenti fil-wheelchair, id-diżabilità hija meqjusa bħala 80 fil-mija. Ir-referenza għas-sebgħin fil-mija hi biss waqt azzjoni mill-ktieb irreferut fl-istess relazzjoni tiegħi.*
>
> *It-tieni diżabilità permanenti riskontrata hija naxxenti mill-fatt illi Gauci hi dipendenti fuq wheelchair, kompletament u għalhekk, wasalt għal konklużjoni illi tenut kont ta' kollox ir-rikorrenti Gauci qed issofri komplessivament minn diżabilità permanenti f'ġisimha kollu ta' tmenin (80) fil-mija. Nippreċiża ta' tmienja u tmenin (88) fil-mija. Ir-referenzi li għamilt huma kwotazzjonijiet mill-ktieb indikat fl-istess relazzjoni.................... Id-diżabilità tad-driegħ u l-id il-leminija ta' tnejn u erbgħin (42) fil-mija u d-diżabilità ta' dipendenza fil-wheelchair ta' 80 fil-mija komplessivament jammontaw għal diżabilità permanenti ta' tmienja u tmenin (88) fil-mija li minnu qed issofri r-rikorrenti Gauci.*
>
> *Mistoqsija jekk jiena ħadtx in kunsiderazzjoni il-fatt illi r-rikorrenti Gauci setgħet kienet tbati minn diżabilità qabel ma seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża, ninforma lill-Qorti li dan il-fattur ħadtu in konsiderazzjoni kif jidher mir-relazzjoni tiegħi stess. Jien eżaminajt ukoll il-medical files appartenenti lir-rikorrenti Gauci."*

115. F'dan il-kuntest, hija relevanti wkoll id-djanjosi klinika fir-rapport ta' Dr. Josanne Aquilina. F'dan ir-rigward. Dr. Josanne Aquilina ikkonfermat hekk:

> *"Mill-istorja meħuda minn Ms Gauci, u minn missierha, kif ukoll mill-eżami fiżiku u mid-dokumenti u t-testijiet li saru jirriżulta li Ms Gauci kellha mit-twelid Cerebral Palsy, b'evidenza ta' porencephalic cyst, fuq il-lemin tal-moħħ, riżultat ta' puplesija fil-moħħ, u kellha paraliżi tad-driegħ ix-xellugija. B'din id-diżabilità konġenita kienet xorta waħda, indipendenti, u setgħet tagħmel l-attivitajiet kollha tagħha ta' kuljum u timxi weħidha.*
>
> *Wara l-allegat inċident sofriet minn leżjoni tal-Brachial Plexus tal-lemin bir-riżultat li tilfet kompletament l-użu ta' driegħ u tal-id il-leminija. Sofriet ukoll minn ksur ta' kustilji u ta' l-isternum, trawma tal-pulmun tal-lemin li nfaqa' u ikkollassa, ksur fid-driegħ tal-lemin u fl-għaksa tal-lemin, u ksur tal-għadam tas-sinsla tal-għonq (C7) u tad-dahar (L1).*

*Bejn kundizzjoni ta' cerebral palsy, u tal-obeżità, jista' jkun li r-riabilitazzjoni tagħha minn dawn it-trawmi mill-allegat inċident kienet limitata, u m'għandhiex opportunita tikseb lura il-mobilità li kellha qabel. Fil-fatt, issa tinsab kompletament dipendenti fuq l-għajnuna ta' ħaddieħor għall-attivitajiet tagħha ta' kuljum u ma tistax timxi. Il-mobilità tagħha hija ristretta għal wheelchair u tinsab toqgħod issa fir-residenza ta' St Vincent de Paule minħabba l-ħtieġa ta' kura kontinwa.*

*Konklużjoni u evalwazzjoni tar-rata ta' diżabilità permanenti:*

*Id-diżabilità ta' Ms Gauci meħuda mill-Guides to the Evaluation of Permanent Impairment, American Medical Association 5th Edition, tista' tigi maqsuma f'żewġ partijiet:*
1. *Telf ta' użu ta' driegħ u l-id il-leminija: 42%*
2. *Dipendenza fuq il-wheelchair: 80%*

*Jekk dawn jitqiesu flimkien, ir-rata ta' diżabilità tammonta għal total ta' 88%.*

116. Relevanti wkoll li ssir referenza a għal tweġibiet għad-domandi in eskussjoni, tal-espert tekniku Dr. Josanne Aquilina. F'dawn it-tweġibiet għad-domandi, hija ippreċiżat li qabel allegat inċident l-attriċi kellha paraliżi mit-twelid ta' driegħ ix-xellugija, imma kienet indipendenti u timxi weħidha u tagħmel l-attivitajiet kollha tagħha mingħajr għajnuna u ma kinitx dipendenti fuq siġġu tar-roti. L-espert tekniku kompliet tippreċiża li l-paraliżi ta' driegħ ix-xellugija jitqies bħala 45%. Għad-domandi in eskussjoni, hija kompliet twieġeb hekk:

*"Wara l-inċident sal-lum ingħatat xi forma ta' terapija?*

*Irċeviet kura intensiva fl-ITU għal ġimgħa, imbagħad fis-sala ortopedika, u wara rijabilitazzjoni bil-physiotherapy u occupational therapy. Fil-2015, kellha operazzjoni minn speċjalista ortopediku li ġie minn barra Mr. Giele.*

*Giovanna Antida Gauci illum tħaddem l-electric wheelchair b' wieħed mis-swaba tal-id il-leminija - kif huwa possibbli jekk hemm inxif tal-muskoli tal-id u claeing tal-id?*

*Jirnexxielha bl-użu ta' żewġt iswaba d-diżabilità ta' driegħ u l-id il-leminija mhix kompleta b'rata ta' 100% iżda ta' 70%.*

*Ir-raġuni għalfejn m' hix mobbli sta għal-liema fatt?*

*Bil-kondizzjoni ta' cerebral palsy u tal-obeżità jista' jkun li r-rijabilitazzjoni tagħha minn dawn it-trawmi mill-allegat inċident, kienet limitata u ma rnexxielha qatt tikseb lura il-mobilità li kellha qabel.*

*Hemitrophy hija riżultat tal-inċident."*

*Le. Il-hemiatrophy deskritta fir-rapport hija ta' driegħ ix-xellugija.*

*Perċentwali diżabilità qabel l-inċident?*

*Huwa l-perċentwal imsemmi tad-diżabilità ta' driegħ ix-xellugija, jiġifieri 45%. Iżda dan ma ġiex magħdud fil-kalkolu tad-diżabilità permanenti fir-rapport. Jekk din id-diżabilità tiġi kkunsidrata wkoll id-diżabilità totali titla' aktar u tilħaq 94%."*

117. Mir-rapport tal-espert mediku, Dr. Josanne Aquilina, jirriżulta li konsegwenza tal-akkadut tat-12 ta' Settembru 2008, l-attriċi, tilfet il-mobilità tad-driegħ il-leminija, u tilfet ukoll il-mobilità ta' riġlejha u ta' ġisimha, tant li llum hija jkollha tuża siġġu tar-roti. Minbarra hekk, konsegwenza tal-imsemmi akkadut, hija sfat rikoverata fl-istitut San Vincenz de Paule, peress li hija dipendenti anki għal bżonnijiet bażiċi ta' kuljum.

118. Jirriżulta wkoll mill-eżami ta' l-espert mediku nominat mill-Qorti, Dr. Josanne Aquilina, li kkonsultat il-file mediku tal-attriċi qabel l-akkadut, li preċedentement għall-akkadut ta' Settembru 2008, l-attriċi kellha biss paraliżi ta' driegħ ix-xellugija. Mir-rapport tal-espert mediku, jirriżulta li l-attriċi, illum il-ġurnata, għandha diżabilità fiżika permanenti ta' 88%. Fit-tweġibiet in eskussjoni, l-espert mediku, ikkonfermat li din ir-rata ta' diżabilità permanenti ma tinkludix fiha il-perċentwali ta' diżabilita ta' driegħ ix-xellugija, li l-attriċi kellha qabel l-akkadut. Fil-fatt, din ir-rata ta' diżabilita` hija konfortata bil-provi, stante li Frederick Zammit Maempel qies u kkalkula r-rata ta' diżabilita` tal-attriċi bħala sebgħin fil-mija (70%).

119. L-**Artikolu 1045(1) tal-Kap 16** tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

*"Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha…hija t-telf effetiv li l-għemil tagħha ikun iġib direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali, u t-telf ta' qliegħ li tbati 'il quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib."*

120. Minn din id-disposizzjoni tal-liġi, jirriżulta ċar, li jeħtieġ ness ta' kawża u effett ma' l-att jew ommissjoni u l-effett dirett fuq min qed jirreklama danni sofferti.

121. L-attriċi, tirreferi għal dan in-ness bejn il-kawża u effett billi rreferiet, fil-premessi u fis-sottomissjonijiet, li qed issofri minn diżabilita` permanenti konsegwenza tal-akkadut li seħħ dakinhar tat-12 ta' Settembru 2008.

122. Din il-Qorti tikkunsidra li n-ness ta' kawża u effett ġie ppruvat għas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti. Illi kien biss konsegwenza tal-akkadut tat-12 ta' Settembru 2008, li l-attriċi tilfet il-mobilita` ta' ġisimha. Dan jinsab konfortat u ikkorroborat pjenament bil-provi in atti.

123. Din il-Qorti m'għandha ebda raġuni għaliex ma tistrieħx fuq il-konklużjonijiet tal-abbli esperti tagħha, u għalhekk tikkonkludi li d-diżabilita` permamenti ta' Giovanna Antida Gauci, riżultat tal-akkadut li ġara fit-12 ta' Settembru 2008, huwa ta' tmienja u tmenin fil-mija (88%).

## Danni

124. Jirriżulta mill-premessi, mit-talbiet u mill-atti tal-każ, li l-attriċi qed tippretendi kumpens għal danni sofferti, liema danni jridu jiġu likwidati minn din il-Qorti. Jirriżulta, li l-attriċi, qed tirreklama *damnum emergens* b'referenza għal-lista ta' spejjeż mediċi, u dak imħallas lill-Istitut San Vincenz de Paule.

125. Huwa paċifiku li l-likwidazzjoni tad-danni għandha sseħħ fuq żewġ binarji; id-danni attwalment sofferti (‘*damnum emergens’*) u dawk id-danni kawża l-inkapaċita` ikkaġunata ‘*lucrum cessans’* kif provvdut mill-Artikolu 1045 tal-Kap 16.

126. Ikkunsidrat, li l-attriċi kienet tirċievi benefiċċju soċjali għad-diżabilita` tagħha qabel l-akkudat tat-12 ta' Settembru 2008. Dan il-benefiċċju soċjali hija kompliet tirċevieh wara l-imsemmi akkadut, iżda parti sostanzjali minn dan l-ammont kellu jibda jitħallas lill-Istitut ta' San Vincenz de Paule, fejn hija sfat rikoverata wara li ġiet rilaxxata mill-isptar Mater Dei u mill-isptar Karen Grech, u fejn hija għadha sal-lum, fl-Istitut San Vincenz de Paule. Għalhekk, dawn l-ammonti li qed jingħata lill-Istitut San Vincenz de Paule, ser jiġu komputati fil-kalkolu ta' *damnum emergens,* u jiġu magħduda mal-ispejjeż mediċi inkorsi.

127. Illi l-ispejjeż mediċi reklamati mill-attriċi bħala *damnum emergens*, huma elenkati fis-sottomissjonijiet tagħha. Kopja tal-ħlas li sar lil Fredrick Zammit Maempel tinsab fol 56 tal-proċess. Jiġi osservat, li għas-saqqu, l-attrezzaturi, kif ukoll l-oġġetti l-oħra elenkati fis-sottomissjonijiet tal-attriċi, riċevuti ta' dawn ma ġewx ippreżentati. Iżda, din il-Qorti, abbażi taċ-ċirkostanzi tal-każ fejn l-attriċi tilfet il-mobilita`, ser tqis li saru dawn l-ispejjeż għad-debilita` sofferta mill-attriċi konsegwenza tal-akkadut. Fil-fatt, Philip Gauci fl-affidavit ġuramentat tiegħu, spjega, li xtraw makkinarju speċjalizzat sabiex iġibu lil binthom id-dar minn San Vincenz de Paule, fosthom ‘crane’ żgħir sabiex tinġarr. Għalhekk, l-elenku ta' spejjeż ser jiġi kkunsidrat li jikkonsisti fis-segwenti:

- saqqu speċjali fl-ammont ta' € 650;
- spejjeż mediċi mħallsa lil Dr. Fredrick Zammit Maempel fl-ammont ta' € 246.73;
- rampa għal wheelchair fl-ammont ta' €35;
- attrezzaturi oħra fl-ammont ta' € 76.89, €20.13, €68, €242 u €280;
- Lifting cap fl-ammont ta' €590;
- Lifter u toilet sling fl-ammont ta' €1,850.

128. Dawn l-ispejjeż fit-total tagħhom jammontaw għal €4,058.75.

129. Magħdud ma' dan l-ammont, ser jinħadem ukoll il-benefiċċju soċjali ipperċepit mill-attriċi mid-data tal-akkadut fis-sena 2008 sal-lum, liema parti sostanzjali tal-benefiċċju qed jitħallas lill-Istitut San Vincenz de Paule. Il-kalkolu ser isir fuq medja ta' €300 u mhux €450 kif indikat fis-sottomissjonijiet tal-attriċi.

130. Jirriżulta, li fl-ewwel ftit snin wara l-akkadut fis-sena 2008, l-attriċi kienet tirċievi €400 fix-xahar, u snin wara l-inċident żdiedu għal ftit aktar fix-xahar, kif jidher f'Dok B1 eżebit a fol 59 tal-proċess. Jirriżulta wkoll, li l-ammont li beda jitħallas lil San Vincenz de Paule kien ta' € 76.95 fil-ġimgħa, kif dokumentat fid-dokument tas-

Sigurta Soċjali eżebit bħala Dok C, fol 60 tal-proċess. Dan ġie kkonfermat ukoll fl-affidavit ta' Philip Gauci fol 83 tal-proċess, li kien jitħallas dan l-ammont lil San Vincenz de Paule u mhux ammont aktar.

131. Għalhekk, din il-Qorti ser taħdem il-kalkolu billi tirritonda l-ammont għal € 300 fix-xahar, għall-erbatax il-sena, mis-sena 2009, stante li l-attriċi ġiet rikoverata f' San Vincenz de Paule xhur wara l-akkadut u mhux immedjatament mal-akkadut) - sal-lum il-ġurnata. Għalhekk, il-kalkolu huwa ta' €300 x 12 x 14 = €50,400.

132. Dan l-ammont flimkien ma' l-ammont ta' €4,058.75 jammonta għal *damnum emergens* fl-ammont ta' € 54,458.75.

133. Rigward dak sottomess fis-sottomissjonijiet tal-attriċi, dwar spejjeż futuri kif pretiżi, ikkunsidrat, li d-danni li ser jiġu likwidati mill-Qorti huma biss dawk ippruvati u dawk ibbażati fuq il-kalkolu ta' *lucrum cessans*.

**Lucrum Cessans**

134. Mill-provi fl-atti, m'hemmx prova ta' introjtu ta' paga li l-attriċi kienet tipperċepixxi, iżda jidher li kien suffiċjenti l-benefiċċju soċjali tad-diżabilita` li hija kienet tirċievi kull xahar, u kienet tutilizza dan għall-għixien tagħha. Għaldaqstant, il-kalkolu ta' *lucrum cessans*, ser jinħadem fuq l-ammont ta' €400 bħala ammont medju ipperċepit kull xahar.

135. Għalhekk, din il-Qorti ser tipproċedi bil-komputazzjoni tad-danni *lucrum cessans*.

136. Jirriżulta, kif intqal fis-sentenza **Emmeline Cini vs Antoine Cachia**, deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar 2013, il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċita`, it-telf ta' paga jew qliegħ ieħor attwali li sofra l-persuna li sofra t-telf. Tali kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant iżda hija regolata minn ċerti prinċipji, għalkemm mhux assoluti.

137. Fil-każ **Malcolm Cumbo vs Malta Freeport Terminals Ltd** deċiża mill-Prim' Awla fit-30 ta' Ġunju 2016, il-Qorti stabbiliet:

> *"Illi f'dak li jirrigwarda l-lucrum cessans, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, dan il-kumpens irid isir fuq it-telf ta' qliegħ li l-attur seta' bata diġa minn dakinhar tal-inċident sal-lum, u wkoll dak li se jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċita` għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ."*

138. Jirriżulta wkoll illi fil-kawża **Paul Debono vs Malta Drydocks** deċiża mill-Prim' Awla fis-27 ta' April 2015 ġie ritenut:

> *"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hija ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi telf ta'*

*qliegħ futuri minħabba l-inkapaċita`. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjanti ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabbilment, pero` l-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."*

## Entita tad-Dħul:

139. Jirriżulta li l-attriċi, meta seħħ l-akkadut, kellha tnejn u erbgħin (42) sena, u ma kinitx taħdem iżda kienet tirċievi benefiċċju soċjali għad-diżabilità tagħha fl-ammont ta' €400 fix-xahar.

140. Jirriżulta li fis-sena 2008, u fis-snin sussegwenti l-attriċi kienet tirċievi € 400 fix-xahar. Għaldaqstant, il-Qorti ser tikkunsidra d-dħul tal-attriċi € 4,800 fis-sena.

141. Dwar konsiderazzjonijiet fuq l-għoli tal-ħajja, jirriżulta illi fil-każ **Stephen Cardona vs John Mary Fenech** deċiża mill-Prim' Awla fid-9 ta' Frar 2012, kien ġie deċiż illi:

*"Il-Qorti qed takkorda ukoll żieda ta' €300 fis-sena, ir-relazzjoni mal-awment tal-paga għall-għoli tal-ħajja."*

142. Din il-Qorti taqbel li tali ammont ta' €300 fis-sena għandu jitqies ukoll għall-għoli tal-ħajja fil-każ odjern.

## Multiplier

143. Fil-każ **Joseph Zammit vs Joseph Bonello**, deċiża mill-Qorti Ċivili Prim' Awla fil-25 ta' Frar 2016, ġew stabbilit prinċipji li l-Qorti tħoss li għandha tibbaża fuqhom meta tiġi biex tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili bħal tal-każ odjern:

*"Illi tali regoli ġew supplementati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija 'Michael Butler vs Peter Christopher Heard' (Appell 22.12.1967), li tat l-oriġini għal hekk imsejħa 'multiplier system', li pero` ġiet aġġustata għaż-żminijiet reċenti peress li, kif intqal fil-kawża 'Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et' (Appell 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna inbidlu konsiderevolment u l-ammont li qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu isiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu. Għalhekk, il-Qrati Tagħna irritenew li għandhom id-diskrezzjoni li ikunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi - 'Savona vs Asphar', Appell (23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu ikun hemm ċertu elastiċita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabbilta`. Inoltre`, d-danneġġatt jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar*

*soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta` (Francis Sultana vs John Micallef et noe et, Appell 20.07.1994).*

144. Fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Marzu 1986 intqal is-segwenti:

*"In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettativa tal-ħajja in ġenerali tad-denneġġjat iżda fuq l-aspettativa tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in konsiderazzjoni iċ-chances and changes of life.*

*Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."*

145. Jirriżulta, li fil-każ in eżami, l-attriċi kellha tnejn u erbgħin (42) sena meta sofriet id-dannu ikkaġunat lilha, u ser jiġi kkunsidrat li persuna tieqaf bil-pensjoni ta' tnejn u sittin (62) sena.

146. Għaldaqstant, huwa ġust u verosimili li għoxrin sena (20) huwa perjodu ġust li għandu jkun applikabbli bħala multiplier.

**Kalkolu finali**

147. Ikkunsidrat il-kalkoli u konsiderazzjonijiet kollha kif fuq magħmula, għandu jirriżulta:

   a. Id-dħul ta' l-attriċi jammonta għal madwar (€ 400 x12) € 4,800 fis-sena.

   b. L-għoli tal-ħajja għandu jkun ta' €300 fis-sena.

   c. Il-multiplier għandu ikun ta' 20 sena.

148. Jirriżulta għalhekk, illi l-ammont li għandu ikun ikkunsidrat għal *lucrum cessans* għandu jkun maħdum fuq id-dħul tal-attriċi fis-sena 2008, ossija € 4,800 u l-introjtu previst biż-żieda tal-għoli tal-ħajja ta' tlett mija €300 kull sena, għal għoxrin sena, (liema żieda tammonta komplessivament għal € 6,000 li flimkien mal-introjtu ta' 2009 jagħmel total ta' € 10,800, liema medja hija ta' € 7,800 (€4,800 + €10,800 divided by 2=) €7,800.

149. Jirriżulta li d-dħul medju annwali li għandu jiġi kkunsidrat huwa għalhekk ta' €7,800.

## Tnaqqis

150. Fil-każ **Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**, deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 1995, il-Qorti rriteniet:

> *"Fir-rigward tar-riduzzjoni għal lump sum payment il-Qorti….jidhrilha li……..ma għandu jsir ebda tnaqqis fil-persentaġġ solitu ta' 20 fil-mija għal lump sum payment jekk ma jkunux għaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u jekk ikun għadda dan il-perjodu allura għandu jsir tnaċqis ta' 2% għal kull sena minn dik id-data."*

151. Fil-każ **Joseph Agius vs All Services Ltd** deċiża mill-Prim' Awla fit-2 ta' Ġunju 2005, ingħad hekk:

> *"F'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa (lump sum payment) lill-benefiċċjarji. Jekk id-deċiżjoni, pero, tkun ser tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hija l-prattika li l-persentaġġ tat-tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn, il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."*

152. Ikkunsidrat dan, il-Qorti tosserva illi dwar it-tnaqqis in vista tal-ħlas f'daqqa, il-Qorti tosserva li l-kawża ilha pendenti tlettax-il sena minn meta ġiet ippreżentata, ilha ħmistax-il sena mid-data tal-akkadut li seħħ fit-12 ta' Settembru 2008. Din l-kawża tħalliet għas-sentenza fis-27 ta' Settembru 2022. Għalhekk, bil-kalkolu ta' tnaqqis għal kull sena li ddum il-kawża oltre` sentejn, ma għandu jkun hemm ebda tnaqqis.

## Somma dovuta

153. Ikkunsidrati l-fatti kif fuq diskussi, is-somma kif likwidata bħala *lucrum cessans* hija:

€ 7,800 x 20 sena (multiplier) = €156,000
€ 156,000 x 88% diżabilita` = €137,280
€137,280 x tnaqqis ta' 0% bħala lump sum payment = € 137,280

| | |
|---|---|
| Total *Lucrum cessans* = | € 137,280.00 |
| Total *Damunum emergens* = | € 54,458.75 |
| TOTAL SĦIĦ = | € 191,738.75 |

Il-Qorti ser tirrotonda tali ammont għal mija u disgħin elf Ewro € 190,000.00 għall finijiet ta' prattiċita`.

154. Għalhekk, is-somma totali dovuta lill-attriċi bħala danni hija ta' mija u disgħin elf Ewro € 190,000.00.

## Konklużjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha u l-provi kollha prodotti ippreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet kollha kif ukoll semgħet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju tal-Artijiet.

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet kollha rimanenti fil-mertu tal-Kummissarju tal-Artijiet.

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet kollha fil-mertu tad-Direttur Ġenerali tat-Taqsima tad-Disinn u Implimentazzjoni ta' Proġetti.

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha ta' Graziabelle Faye Cassar.

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha ta' Anthony Cassar u Mary Lourdes Cassar.

**Tilqa'** t-talbiet ta' l-attriċi kollha kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u **tiddikjara** li l-intimata Graziabelle Faye Cassar hija responsabbli għall-akkudat li seħħ fit-12 ta' Settembru 2008, u l-intimati Anthony Cassar u Mary Lourdes Cassar huma wkoll responsabbli kif indikat aktar 'il fuq f'din is-sentenza, u dan minħabba negliġenza u imperizja, fejn Graziabelle Faye Cassar għandha terfa' sittin fil-mija (60%) tar-responsabbilta' filwaqt illi l-konjuġi Anthony u Mary Lourdes Cassar għandhom jerfgħu erbgħin fil-mija (40%) tar-responsabbilta'.

2. Tilqa' t-tieni talba u **tiddikjara** li l-attriċi sofriet danni inkluż korriment u debilità permanenti bħala r-riżultat u konsegwenza diretta tan-negliġenza tal-intimati, Graziabelle Faye Cassar u Anthony Cassar u Mary Lourdes Cassar.

3. Tilqa' t-tielet talba u **tillikwida** d-danni kollha sofferti konsegwenza ta' l-imsemmi akkadut fl-ammont ta' mija u disgħin elf Ewro (€ 190,000.00).

4. Tilqa' r-raba' talba u **tordna** li l-intimati Graziabelle Faye Cassar, Anthony Cassar u Mary Lourdes Cassar iħallsu d-danni likwidati fl-ammont ta' mija u disgħin elf Ewro (€190,000.00), fejn Graziabelle Faye Cassar għandha tagħmel tajjeb għal sittin fil-mija (60%) tad-danni filwaqt illi l-konjuġi Anthony u Mary Lourdes Cassar għandhom jagħmlu tajjeb għal erbgħin fil-mija (40%) tad-danni hekk likwidati.

**Imgħax** dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**L-ispejjeż** tal-Kummissarju tal-Artijiet, Direttur Ġenerali – Dipartiment Propjeta' tal-Gvern u Direttur Ġenerali – Dipartiment tad-Disinn u Implimentazzjoni għandhom ikunu a kariku esklussiv tar-rikorrenti filwaqt illi l-ispejjeż l-oħra tar-rikorrenti għandhom ikunu a kariku ta' l-intimata Graziabelle Faye Cassar u l-intimati Anthony Cassar u Mary Lourdes Cassar, fejn Graziabelle Faye Cassar għandha tagħmel tajjeb għal sittin fil-mija (60%) tal-ispejjeż filwaqt

illi l-konjuġi Anthony u Mary Lourdes Cassar għandhom jagħmlu tajjeb għal erbgħin fil-mija (40%) tal-ispejjeż.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur